MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru 64/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Frankie Pisani**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Frankie Pisani, bin Grezzju u Grace nee` Gatt, imwieled fid-19 ta' Lulju 1979 u residenti fil-fond Robina, Triq il-Falkun, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 20579(G) li gie akkuzat talli:

Fil-kwalita` tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta` Pisani Woodworks Company Limited (C39987), b'indirizz registrat Pisani Woodworks, Robina, Triq il-Falkun, Sannat, Ghawdex, u/jew bhala persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta` sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas il-vacation leave dovut ghall-

perjodu bejn l-1 ta’ Marzu 2008 u t-12 ta’ Frar 2010, fl-ammont ghal €1,468.25, il-bonus statutorju ghal perjodu bejn l-1 ta’ Marzu 2008 u t-12 ta’ Frar 2010, fl-ammont ghal €504.01, weekly allowance ghal perjodu bejn l-1 ta’ Marzu 2008 u t-12 ta’ Frar 2010 fl-ammont ta’ €450.05, kif ukoll ghamel tnaqqis mill-pagi ghal perjodu bejn Marzu 2008 u Dicembru 2009 li m’huwiex permess mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-ammont ta’ €853.01, u naqas li jhallas l-gholi tal-hajja ghal perjodu ta’ bejn l-1 ta’ Jannar 2010 u t-12 ta’ Frar 2010 fl-ammont ta’ €34.92, li b’kollox jammontaw ghal €3,310.24 u li kien dovut lill-ex impjegat tas-socjeta` hawn fuq imsemmija, u cioe` lil Joseph Buttigieg fit-12 ta’ Frar 2010 meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Il-Qorti giet mitluba tordna lill-imputat sabiex ihallas l-penali skont il-ligi kif ukoll tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex ihallas lil Joseph Buttigieg l-ammont ta’ €3,310.24 ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-25 ta’ Jannar, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Francis Pisani hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€250.00) u ordnat li fi zmien xahar mid-data tas-sentenza l-imputat Frankie Pisani jhallas lil Joseph Buttigieg is-somma ta’ tlett elef, tliet mija u ghaxar ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€3,310.24).

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell tal-imputat Frankie Pisani minnu prezentat fid-9 ta’ Frar 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet il-provi u lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

L-imputat li jiggestixxi n-negozju maghruf bhala Pisani Woodkworks kellu impjegat mieghu lil Joseph Buttigieg. Meta l-imputat ittermina l-impieg tal-istess Buttigieg dan mar id-Dipartiment tax-Xoghol u pprezenta numru ta' bicciet ta' karti li kienu jservu ta' *payslips* u dan biex id-Dipartiment jikkontrolla jekk kienx qieghed jithallas kif suppost. Minn dawn il-karti kien jidher li Buttigieg ma kienx jithallas bonus, *weekly allowances* ma kienux jidhru fihom, *vacation leave* ma kien indikat xejn, u kien hemm tnaqqis eccessiv ta' kontibuzzjonijiet tal-assikurazzjoni nazzjonali. Skont id-Dipartiment, It-tnaqqis komplessiv skont il-ligi kien jammonta ghal elett elef, tlett mija u ghaxar liri u erbgha u ghoxrin centezmu.

Ikkunsidrat:

**7.** L-aggravju tal-appellant jittratta essenzjalment dwar il-mod kif sar l-apprezzament tal-provi tal-prosekuzzjoni li l-appellant isostni sar b'mod konfuz, tant li nstemghet bhala xhud tal-prosekuzzjoni mart l-imputata, waqt li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu jistriehu fuq xoghol l-ufficjali tad-dipartiment li kien piuttost legger.

**8.** Il-gurisprudenza ta' din il-Qorti meta si tratta minn tali aggravju hi ben stabbilita u maghrufa u din il-Qorti ma hix ser tirripetiha. Bizzejjed jinghad li bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet fejn tkun tal-fehma li jekk ma taghmilx hekk tkun manifestament ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

**9.** Il-Qorti, wara li semghet il-provi kollha, inkluza lil mart l-appellant --- izda biss in difeza bhala xhud tieghu, kif trid il-ligi --- tasal ghall-konkluzjoni li verament l-imputat appellant ma hallasx dak kollu dovut lil Joseph Buttigieg, sad-data tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu, u cioe' sat-12 ta' Frar 2010, bhala paga u ghal *vacation leave*, *bonus*, *weekly allowance*, u ghall-gholi tal-hajja u dan meta jittiehed qis ukoll tat-tnaqqis aktar milli jmiss mill-paga bhala kontribuzzjonijiet ghall-assikurazzjoni nazzjonali. L-ammont bilancjali komplessiv li jirrizulta dovut, izda, ma hux dak indikat fit-tahrika izda hu l-ammont ta' Euro

830.82c. Jirrizulta li l-ammont ta' Euro 3,310. 24 indikat fit-tahrika gie mahdum mid-Dipartiment fuq il-bazi ta' diversi karti miktubin bl-idejn li gew konsenjati lid-Dipartiment mill-imsemmi Joseph Buttigieg u li kienu jindikaw ammonti komplessivi mhux dettaljati mahdumin skont in-numru ta' sieghat ta' xoghol u ghalhekk kienu jidhru li jirrigwardaw biss paga u mhux l-ammonti l-ohra ta' bonus, *allowances*, *vacation leave* u ohrajn.

**10.** Dwar dawn il-karti Joseph Buttigieg jghid li dawn kienet tatihomlu mart l-imputat. Kienet tiktibhomlu bl-idejn u hu kien jiffirmhom. Kienu jindikaw x'kien qieghed jithallas. *Payslips* veru u proprji qatt ma inghata. Buttigieg fix-xhieda tieghu jghid li kien ghad baqalu jithallas biss dik il-parti tal-bolla li l-imputat kien naqqaslu zejjed izda aktar tard xehed li huwa kien ghad baqalu jiehu "…tal-bolli u l-*benefits* li kellu jtini." (fol 91). Buttigieg fix-xiehda tieghu stqarr ukoll li f'affarijiet ta' flus kienet il-mara tieghu li tiehu hsieb kollox tant li f'okkazzjoni minnhom kien thallas aktar milli suppost u martu kienet cemplet lil mart l-imputat biex tinfurmha b'dan il-hlas zejjed. L-imputat, izda, cahad kategorikament li kienet martu li talbet lil mart l-imputat biex taghtih il-karti li kienet tghamillu. Bdanakollu, fuq domandi tal-Qorti sabiex tikkjarifika dak li kien qieghed jghid ix-xhud Buttigieg dwar jekk qatt rceviex xi *payslips*, dan wiegeb li "Dawn l-affarijiet bhal dawn jahasra lil mara tridu tistaqsu" (fol 88) u kompla jghid li "Jien …. Posta qatt ma niehu hsiebha; jekk ma nafx naqra', il-posta xha naraha naghmel?" (fol 88).

**11.** Xehedet Annette Pisani, mart l-imputat, li kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija ta' zewgha inkluz l-accounts, paperwork u l-pagi tal-haddiema (fol. 99). Hija xehdet li bhala paga Buttigieg kien fuq il-paga minima izda huwa ried li l-paga tinhariglu bhala *gross wage* li kienet tinkludi kollox inkluzi *bonus*, *weekly allowance*, u gholi tal-hajja, biex hu jkun jista' jifhimha (fol. 102). Hija sostniet li jekk l-ammonti gross li thallsu jigu maqsuma f'partiti separati skont in-natura taghhom ir-rizultat jigi l-istess. Hija sostniet li kien f'din il-forma li l-formoli FS5 kienu jintbaghtu lid-Dipartiment tat-Taxxa mentri lil Buttigieg l-ammonti li kien jithallas kienet tindikahomlu gross kif talab

hu. Anzi hi ssotni li dan sar fuq talba ta’ martu li kienet tehodlu hsieb il-karti (fol 104-105).

**12.** Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha prodotti quddiema hi tal-fehma li x-xiehda tal-imputat u martu hi aktar affidabbli u cara minn dik tax-xhud Buttigieg li baqa’ nebuluz wisq fid-depozizzjoni tieghu u jista’ jinghad li din il-Qorti ma tista’ tikkonkludi xejn oltre d-dubbju ragonevoli mix-xiehda tieghu u mill-karti esibiti minnu. Forsi kieku xhedet martu, li jidher li kienet hi li tiehu hsieb kwistjonijiet ta’ flus u l-karti ta’ zewgha, forsi l-affarijiet kienu jiccaraw ruhhom izda mart Buttigieg ma gietx prodotta bhala xhud f’dawn il-proceduri. Dak li unikament tista’ tkun certa l-Qorti minnu fuq l-iskorta tal-provi prodotti u tal-ezercizzju li l-Qorti nkarigat lix-xhud Anton Zammit, ufficcjal tad-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industiali u Xoghol, fuq il-bazi tad-dokumenti prodotti fil-kors tal-proceduri hu li fid-data tat-tmiem tal-impieg tieghu Joseph Buttigieg kien ghad baqalu jiehu ghal *vacation leave*, bonus, *weekly allowance*, gholi tal-hajja u ghal nuqqasijiet ohra mill-paga ta’ Buttigieg l-ammont bilancjali ta’ tmien mija u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€ 830.82) liema ammont jidher li thallas lil Buttigieg fil-kors tal-proceduri odjerni.

**13.** Ghaldaqstant il-htija tal-imputat ghar-reati imputati lilu xorta tirrizulta pruvata ghalkemm ghall-ammont bilancjali komplessiv ta’ € 830.82 u mhux ghal dak indikat fit-tahrika.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata hlief fejn ordnat lill-imputat Frankie Pisani jhallas lil Joseph Buttigieg is-somma ta’ tlett elef, mija u ghaxar ewro u erbgha u ghoxrin centenzmu (€ 3,310.24) u minflok tordnalu jhallas lill-istess Buttigieg is-somma ta’ tmien mija u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€ 830.82) fl-eventwalita’ li dan l-ammont ghadu ma thallasx lilu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------